IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 26.1.2012
COM(2012) 16 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

DWAR IKEL U INGREDJENTI TAL-IKEL ITTRATTATI BIR-RADJAZZJONI JONIZZANTI GĦAS-SENA 2009

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

DWAR IKEL U INGREDJENTI TAL-IKEL ITTRATTATI BIR-RADJAZZJONI JONIZZANTI GĦAS-SENA 2009

1. IL-BAŻI LEGALI U L-ISFOND

L-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 1999/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw ikel u ingredjenti tal-ikel trattati b'radjazzjoni li tijonizza[1] jirrikjedi li kull sena l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni:

– ir-riżultati tal-kontrolli li jkunu saru fil-faċilitajiet tal-irradjazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-kategoriji u l-kwantitajiet ta' ikel u ingredjenti tal-ikel ittrattati u d-doża li ngħataw

kif ukoll

– ir-riżultati tal-kontrolli li saru fl-istadju tat-tqegħid fis-suq tal-prodott u l-metodi użati għall-individwazzjoni ta' trattament b'radjazzjoni jonizzanti.

L-Artikolu 7(4) tad-Direttiva jirrikjedi li l-Kummissjoni tippubblika *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

– id-dettalji tal-faċilitajiet tal-irradjazzjoni approvati fl-Istati Membri kif ukoll kull bidla fl-istatus tagħhom;

– rapport dwar it-tagħrif ipprovdut mill-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni.

Dan ir-rapport ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009. Jinkludi fih ġabra ta' tagħrif mgħoddi lill-Kummissjoni mis-27 Stat Membru.

L-informazzjoni dwar l-aspetti ġenerali tal-irradjazzjoni tal-ikel hija disponibbli fil-websajt tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur[2].

1.1. Il-faċilitajiet tal-irradjazzjoni

Skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 1999/2/KE, l-ikel u l-ingredjenti tal-ikel jistgħu jiġu rradjati biss ġewwa faċilitajiet tal-irradjazzjoni approvati. Għall-faċilitajiet fl-UE, l-approvazzjoni tingħata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. L-Artikolu 7(1) jirrikjedi lill-Istati Membri li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-faċilitajiet approvati tagħhom ta' irradjazzjoni.

1 ĠU L 66, 13.3.1999, p. 16.

2 http://europa.eu.int/comm/food/food/biosafety/irradiation/index_en.htm

L-irradjazzjoni tal-ikel u tal-ingredjenti tal-ikel tista' biss issir permezz tas-sorsi li ġejjin:

– Raġġi gamma minn radjunuklidi ^{60}Co jew ^{137}Cs;

– Raġġi-X iġġenerati minn magni mħaddma fil-livell ta' enerġija nominali jew taħtu (enerġija kwantum massima) ta' 5 MeV;

– Elettroni ġġenerati minn magni mħaddma fil-livell ta' enerġija nominali jew taħtu (enerġija kwantum massima) ta' 10 MeV.

Il-lista tal-faċilitajiet ta' irradjazzjoni awtorizzati fl-Istati Membri ġiet ippubblikata mill-Kummissjoni[3].

1.2. L-ikel u l-ingredjenti tal-ikel irradjati

L-irradjazzjoni ta' ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali hija awtorizzata fl-UE bid-Direttiva 1999/3/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' ikel u ta' ingredjenti tal-ikel ittrattati bir-radjazzjoni jonizzanti[4]. Barra minn hekk, seba' Stati Membri nnotifikaw li għandhom awtorizzazzjonijiet nazzjonali għal ċertu ikel u ingredjenti tal-ikel skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 1999/2/KE. Il-lista tal-awtorizzazzjonijiet nazzjonali ġiet ippubblikata mill-Kummissjoni[5].

Kull prodott tal-ikel irradjat li fih ingredjent tal-ikel irradjat wieħed jew aktar għandu jkun immarkat bil-kliem "irradjat" jew "ittrattat b'radjazzjoni jonizzanti". Jekk prodott irradjat jintuża bħala ingredjent f'ikel kompost, l-istess kliem għandhom jakkumpanjaw id-deskrizzjoni tiegħu fil-lista tal-ingredjenti. Fil-każ ta' prodotti mibjugħa bl-ingrossa, dawn il-kliem għandhom jidhru flimkien mal-isem tal-prodott fuq targa jew avviż fuq jew maġenb il-kontenitur li fih jitqiegħdu l-prodotti.

Sabiex jiġi infurzat it-tikkettjar korrett jew biex jiġu individwati prodotti mhux awtorizzati, bosta metodi analitiċi ġew standardizzati mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), wara mandat mogħti mill-Kummissjoni Ewropea.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONTROLLI MWETTQA FIL-FAĊILITAJIET TAL-IRRADJAZZJONI

Din it-taqsima tar-rapport telenka r-riżultati tal-verifiki mwettqa fil-faċilitajiet tal-irradjazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-kategoriji u l-kwantitajiet tal-prodotti ttrattati u d-doži li ngħataw. Skont l-informazzjoni mibgħuta mill-Istati Membri, il-kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti kkonfermaw il-konformità tal-faċilitajiet approvati tal-irradjazzjoni mar-rekwiżiti tad-Direttiva 1999/2/KE.

It-tabelli li ġejjin jelenkaw il-kategoriji u l-kwantitajiet ta' prodotti li ġew irradjati fil-faċilitajiet approvati fl-Istati Membri tal-UE fl-2009.

---

3 ĠU C 77, 11.3.2011, p. 14.
4 ĠU L 66, 13.3.1999, p. 24.
5 ĠU C 283, 24.11.2009, p. 5.

2.1. Il-Belġju

Hemm faċilità approvata waħda.

Kategorija tal-prodotti	Kwantità ttrattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Koxox taż-żrinġijiet	2.109	5
Tjur tal-irziezet	432	5
Ħut u frott tal-baħar	56	3-5
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	168	6-9
Demm deidratat	18	6-9
Ħxejjex	9,8	6
Lamtu	24	3
Total	**2.816,8**	

2.2. Il-Bulgarija

Hemm faċilità approvata waħda.

Kategorija tal-prodotti	Kwantità ttrattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Ħwawar aromatiċi mnixxfa	0,368	10
Total	**0,368**	

2.3. Ir-Repubblika Ċeka

Hemm żewġ faċilitajiet approvati fir-Repubblika Ċeka. Waħda minnhom[6] għalqet fit-30 ta' Marzu 2009.

Kategorija tal-prodotti	Kwantità ttrattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali	48,6	4-10
Total	**48,6**	

2.4. Il-Ġermanja

Hemm erba' faċilitajiet approvati. F'waħda mill-faċilitajiet ma kienx hemm ikel irradjat.

Kategorija tal-prodotti	Kwantità ttrattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali	95,3	<10
Total	**95,3**	

2.5. Spanja

Hemm żewġ faċilitajiet approvati. Matul l-2009, f'waħda minn dawn il-faċilitajiet biss ġie irradjat l-ikel jew l-ingredjenti tal-ikel.

[6] Artim s.r.o., Radiová 1, Praga.

Kategorija tal-prodotti	Kwantità ttrattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali	460	<10
Total	**460**	

2.6. Franza

Hemm ħames faċilitajiet approvati.

Kategorija tal-prodotti	Kwantità ttrattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Tjur tal-irziezet	656,6	5
Gomma Arabika	78,7	3
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u ħxejjex imnixxfin	1,3	10
Koxox taż-żrinġijiet iffriżati	461,5	5
Total	**1198,1**	

2.7. L-Ungerija

Hemm faċilità approvata waħda.

Kategorija tal-prodotti	Kwantità ttrattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	221,7	6
Prodotti deidratati	7	6
Total	**228,7**	

2.8. L-Italja

Hemm faċilità approvata waħda. Ma kienx hemm ikel irradjat fl-2009.

2.9. Il-Pajjiżi l-Baxxi

Hemm żewġ faċilitajiet approvati.

Kategorija tal-prodotti	Kwantità ttrattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Partijiet taż-żrinġijiet	270,3	4
Tjur tal-irziezet	145,5	4.3-5
Gambli ffriżati	56,2	3
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	387,3	6.8
Ħxejjex deidratati	666,9	2-4
Abjad tal-bajd	65,5	1
Kampjuni tal-ikel	1,9	6.6-9.6
Total	**1593,6**	

2.10. Il-Polonja

Hemm żewġ faċilitajiet approvati.

Kategorija tal-prodotti	Kwantità ttrattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Ħwawar imnixxfin, ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar veġetali u mill-għeruq	195,7	5-10
Total	**195,7**	

2.11. Ir-Rumanija

Hemm faċilità approvata waħda. Ma kienx hemm ikel irradjat fl-2009.

2.12. Ir-Renju Unit

Hemm faċilità approvata waħda. Ma kienx hemm ikel irradjat fl-2009.

2.13. L-Istati Membri l-Oħra

Ma hemmx faċilitajiet approvati fl-Istati Membri l-oħra (l-Awstrija, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, il-Litwanja, il-Latvja, Malta, il-Portugall, l-Isvezja, is-Slovenja, is-Slovakkja)

2.14. Tabella ta' sommarju għall-UE

It-tabella li ġejja tipprovdi sommarju tal-kwantitajiet ta' ikel (f'tunnellati) ttrattati bir-radjazzjoni li tijonizza f'faċilitajiet tal-irradjazzjoni approvati fl-Unjoni Ewropea fl-2009.

Kategorija tal-prodotti	BE	BG	CZ	DE	ES	FR	HU	NL	PL	Total	%
Demm deidratat	18	0	0	0	0	0	0	0	0	**18**	***0,27***
Prodotti deidratati	0	0	0	0	0	0	7	666,9	0	**673,9**	***10,15***
Abjad tal-bajd	0	0	0	0	0	0	0	65,5	0	**65,5**	***0,99***
Ħut u frott tal-baħar	56	0	0	0	0	0	0	56,2	0	**112,2**	***1,69***
Kampjuni tal-ikel	0	0	0	0	0	0	0	1,9	0	**1,9**	***0,03***
Koxox/partijiet taż-żrinġijiet	2109	0	0	0	0	461,50	0	270,3	0	**2840,8**	***42,80***
Gomma arabika	0	0	0	0	0	78,7	0	0	0	**78,7**	***1,19***
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar	168	0,37	48,6	95,3	460	1,3	221,7	387,3	195,7	**1578,27**	***23,78***
Tjur tal-irziezet	432	0	0	0	0	656,6	0	145,5	0	**1234,1**	***18,59***
Lamtu	24	0	0	0	0	0	0	0	0	**24**	***0,36***
Ħxejjex	9,8	0	0	0	0	0	0	0	0	**9,8**	***0,15***
Total	**2816,8**	**0,37**	**48,6**	**95,3**	**460**	**1198,1**	**228,7**	**1593,6**	**195,7**	**6637,17**	***100***
% tat-total	***42,44***	***0,01***	***0,73***	***1,44***	***6,93***	***18,05***	***3,45***	***24,01***	***2,95***	***100***	

3. IR-RIŻULTATI TAL-KONTROLLI LI SARU FL-ISTADJU TAT-TQEGĦID FIS-SUQ TAL-PRODOTT U L-METODI UŻATI GĦALL-INDIVIDWAZZJONI TA' IKEL IRRADJAT

Fir-rigward tar-riżultati tal-kontrolli li saru fl-istadju tat-tqegħid fis-suq tal-prodott u l-metodi użati għall-identifikazzjoni tat-trattamenti b'radjazzjoni li tijonizza, l-Istati Membri ppreżentaw l-informazzjoni li ġejja.

3.1. L-Awstrija

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 132			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	54	0	0	EN 1788, EN 13751
Te tal-ħxejjex aromatiċi	41	0	0	EN 1788, EN 13751
Laħam tat-tjur tal-irziezet	37	0	0	EN 1786
Total	**132**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100 %**	**0,00 %**	**0,00 %**	

3.2. Il-Belġju

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 148			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Instant noodles	**29**	**0**	**0**	**EN 1788**
Krustaċji u molluski	42	0	0	
Ħxejjex aromatiċi ffriżati	23	0	0	
Supplimenti tal-ikel	27	0	1	
Ħxejjex imnixxfin	10	0	0	
Frott imqadded	10	0	0	
Platti lesti għall-konsum	1	0	0	
Laħam	5	0	0	
Total	**147**	**0**	**1**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**99,32 %**	**0,00 %**	**0,67 %**	

3.3. Il-Bulgarija

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 165			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħwawar imnixxfin	18	0	5	EN 1787, EN 1788
Ħwawar imħallta	8	0	0	EN 1787, EN 1788
Taħwir veġetali mnixxef	7	0	0	EN 13708
Bżar Aħmar	10	0	0	EN 1787, EN 1788
Te	27	0	4	EN 1787, EN 1788
Ross	4	0	0	EN 1787, EN 1788
Frott imnixxef	30	0	0	EN 1787, EN 1788
Muesli bil-frott niexef u ġewż	4	0	0	EN 1786
Spagetti	0	0	5	EN 1787
Soppa mnixxfa bil-ħxejjex	3	0	0	EN 1786, EN 1785
Ġewż	20	0	0	EN 1786
Laħam	6	0	0	EN 1787, EN 13708
Ħut	5	0	5	EN 1787, EN 1788
Gambli	9	0	0	EN 1787, EN 1788
Total	**151**	**0**	**14**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**91,50 %**	**0 %**	**8,50 %**	

3.4. Ċipru

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 8			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħxejjex imnixxfin, ħxejjex aromatiċi u ħwawar	8	0	0	EN 13751
Total	**8**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100,00 %**	**0 %**	**0 %**	

3.5. Ir-Repubblika Ċeka

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 65			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Frott frisk	6	0	0	EN 1788, EN 1785
Ħut u frott tal-baħar	11	0	0	EN 1785
Prodotti tat-te tal-ħxejjex aromatiċi	9	0	0	EN 1788
Ħwawar	6	0	0	EN 1788
Supplimenti tad-dieta	5	5	2*	EN 1788
Sopop bl-instant noodles	8	0	5**	EN 1788, EN 1785
Tjur tal-irziezet	6	0	0	EN 1785
Koxox taż-żrinġijiet	1	0	0	EN 1785
Ġewż tal-arżnu	1	0	0	EN 1788, EN 1785
Total	**53**	**5**	**7**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**81,54 %**	**7,69 %**	**10,77 %**	

* kampjun wieħed ta' ħwawar ippressati mnixxfa
** kampjun wieħed ta' noodles irradjati, erba' kampjuni irradjati ta' taħlita ta' ħwawar

3.6. Il-Ġermanja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 3.169			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Prodotti tal-ħalib	9	0	0	EN 1787
Ġobon, preparazzjonijiet tal-ġobon bil-ħxejjex aromatiċi u l-ħwawar	44	0	0	EN 1787, EN 1788
Ġobon, preparazzjonijiet tal-ġobon mingħajr ħxejjex aromatiċi u ħwawar	26	0	0	EN 1788, EN 1784, ASU§64 LFGB, L00.00-39
Butir bil-ħxejjex aromatiċi	8	0	0	EN 1788, EN 1787,
Bajd u prodotti tal-bajd	19	0	0	EN 1784
Laħam (minbarra tjur tal-irziezet, u laħam tal-kaċċa)	10	0	0	EN 1784, EN 1786,
Tjur tal-irziezet	83	0	0	EN 1784, EN 1786, EN 1789
Prodotti tal-laħam (ħlief iz-zalzett)	47	0	0	EN 1786, EN 1784
Prodotti taz-zalzett	35	0	0	EN 1788, EN 1786, EN 1784
Ħut u prodotti tal-ħut	70	0	0	EN 1786, EN 1788
Krustaċji, frott tal-baħar, molluski u u annimali akkwatiċi oħrajn inklużi l-prodotti tagħhom	144	0	2	EN 1788, EN 1786, EN 1787, EN 13751, ASU§64 LFGB,L12.01-1, ESR, L00.00-43
Sopop, zlazi, inkluż sopop u platti 'instant'	214	12	2	EN 1787, EN 1788, EN 13751, L00.00-43

Ċereali u prodotti taċ-ċereali	30	0	0	EN 1787, EN 1788, EN 13751
Imżiewed, ġewż u żrieraġħ li fihom iż-żejt	71	0	1	EN 1787, EN 1788, EN 13751
Patata, partijiet ta' pjanti rikki fil-lamtu	36	0	0	EN 1788, EN 1787, EN 13751
Ħxejjex friski	19	0	0	EN 1788, EN 1787, EN 13751
Ħxejjex imnixxfin	60	0	0	EN 1788, EN 1787, EN 13751
Faqqiegħ frisk	11	0	0	EN 1788, L00.00-43, EN 13751
Faqqiegħ imnixxef jew prodotti mill-faqqiegħ	173	0	0	EN 1788, L00.00-43, EN 13751, EN 1787
Frott frisk	140	0	0	EN 1788, EN 1787, EN 13751, EN 1385
Frott imnixxef u prodotti tal-frott	52	0	0	EN 1787, EN 1788,
Kafè	1	0	0	EN 1788
Te u prodotti simili għat-te	198	1	0	EN 1788, L00.00-43, EN 13751, EN 1787
Ikliet u platti lesti	11	0	0	EN 1788, EN 1787, EN 1786, EN 13751, L 00.00-43
Supplimenti tal-ikel	188	2	10	EN 1788, EN 1787, EN 13751
Ħwawar u kondimenti	272	0	2	EN 1788, L00.00-43, EN 13751, EN 1787
Ħxejjex aromatiċi imnixxfin u ħwawar	1144	0	1	EN 1788, EN 1787, EN 13751
Oħrajn	21	0	0	EN 1788, EN 1787, EN 1786, EN 13751
Total	**3.136**	**15**	**18**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**98,96%**	**0,47%**	**0,57%**	

3.7. Id-Danimarka

Ma sarux kontrolli fl-istadju tat-tqegħid fis-suq fl-2009.

3.8. L-Estonja

Ikel analizzat	**Numru ta' kampjuni: 5**			**Metodu CEN użat**
	Konformi	**Inkonklussivi**	**Mhux konformi**	
Ħxejjex aromatiċi imnixxfin u ħwawar	5	0	0	EN 13751
Total	**5**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100,00 %**	**0 %**	**0 %**	

3.9. Il-Ġreċja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 41			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	35	0	0	EN 13751 (PPSL)
Ħxejjex imnixxfin	6	0	0	EN 13751 (PPSL)
Total	**41**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100,00 %**	**0 %**	**0 %**	

3.10. Spanja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 86			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	52	0	1	EN 1787, EN 1788
Frott imnixxef	6	0	0	EN 13708
Laħam	3	0	0	EN 1786
Infużjonijiet	7	0	0	EN 1787
Ġewż	2	0	0	EN 1787
Ħut	15	0	0	EN 1786
Total	**85**	**0**	**1**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**98,8 %**	**0 %**	**1,2 %**	

3.11. Il-Finlandja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 224			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar imnixxfin	164	0	5	EN 13751, EN 1788
Supplimenti tal-ikel	32	0	6	EN 13751, EN 1788
Frott tal-bosk	16	0	1	EN 13751, EN 1788
Total	**212**	**0**	**12**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**94,60 %**	**0 %**	**5,40 %**	

3.12. Franza

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 119			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħwawar	20	0	0	EN 1784, EN 1788
Krustaċji jew molluski ffriżati	21	0	1	EN 1784, EN 1788
Sopop u zlazi deidratati	16	0	3	EN 1784, EN 1788
Supplimenti tal-ikel	10	0	0	EN 1784, EN 1788
Tjur tal-irziezet	22	0	0	EN 1784, EN 1788
Preparazzjonijiet deidratati ‘instant’ (noodles Ażjatiċi)	10	2	1	EN 1784, EN 1788
Pjanti għas-supplementi tal-ikel	11	1	0	EN 1784, EN 1788
Koxox taż-żrinġijiet	0	0	1	EN 1784, EN 1788
Total	**110**	**3**	**6**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**92,50%**	**5,00%**	**2,50%**	

3.13. L-Ungerija

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 11			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħwawar	6	0	0	EN 1788
Te	5	0	0	EN 1788
Total	**11**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100,00 %**	**0 %**	**0 %**	

3.14. L-Irlanda

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 294			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħwawar imnixxfa	58	0	0	EN 13751 (skrinjar), EN 1788 (konferma)
PARNUTS*	7	0	0	
Frott u ħxejjex	4	0	0	
Supplimenti erbali	3	0	0	
Vitamini u supplimenti	12	0	0	
Teijiet u kafe	23	0	2	
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	159	0	1	
Taħwir/stokks	13	0	1	
Żrieragħ	1	0	0	
Ross u dqiq tar-ross	2	0	0	
Gambli u snacks moqlija	2	0	0	
Soppa	1	0	0	
Oħrajn	5	**0**	0	
Total	**290**	**0**	**4**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**98,6 %**	**0 %**	**1,4 %**	

* PARNUTS: Ikel għal skopijiet partikolari ta' nutrizzjoni.

3.15. L-Italja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 223			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklusivi	Mhux konformi	
Laħam	38	0	0	EN 13784
Prodotti tal-ħut	24	0	0	EN 13784
Prodotti tal-laħam	11	0	0	EN 13784
Tjur tal-irziezet	2	0	0	EN 1786
Ħxejjex aromatiċi imnixxfin u ħwawar	88	8	3	EN 13783, EN13751, EN 1788
Taħwir (vegetali)	18	0	2	EN 13783 & EN 1788
Tewm	6	0	0	EN 13784, EN13751
Basal	9	0	0	EN 13784, EN13751, EN 13783
Shallots	2	0	0	EN 13783 & EN 1788
Ġir	1	0	0	EN 13751
Patata	11	0	0	EN 13784, EN13751, EN 13783
Total	**210**	**8**	**5**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**94,17 %**	**3,58 %**	**2,24 %**	

3.16. Il-Latvja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 15			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Supplimenti tal-ikel	5	0	4	EN 1788
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	2	0	0	
Muesli	1	0	0	
Popcorn	1	0	0	
Te	1	0	0	
Berquq imqadded	1	0	0	
Total	**11**	**0**	**4**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**73,33 %**	**0 %**	**26,66 %**	

3.17. Il-Litwanja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 16			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, te, ħwawar, supplimenti tal-ikel	16	0	0	EN 13783
Total	**16**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100,00 %**	**0 %**	**0 %**	

3.18. Il-Lussemburgu

Ma sarux kontrolli fl-istadju tat-tqegħid fis-suq fl-2009.

3.19. Malta

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 32			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	32	0	0	EN 13751
Total	**32**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100,00 %**	**0 %**	**0 %**	

3.20. Il-Pajjiżi l-Baxxi

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 771			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Supplimenti tal-ikel	151	0	22	EN 13751, EN 1788
Preparazzjonjiet tal-vitamini	5	0	0	EN 13751, EN 1788
Taħlitiet speċjali (tal-ħxejjex aromatiċi)	73	0	11	EN 13751, EN 1788
Prodotti taċ-ċereali	17	0	0	EN 13751, EN 1788
Ħxejjex imnixxfin u prodotti veġetali	57	0	1	EN 13751, EN 1788
Frott imnixxef u prodotti tal-frott	56	0	0	EN 13751, EN 1788
Ġewż u żrieragħ	63	0	0	EN 13751, EN 1788
Ħut u prodotti tal-ħut	33	0	1	EN 13751, EN 1788
Insalati, għaġin u soppa	127	0	4	EN 13751, EN 1788
Ħwawar/togħmiet	147	0	1	EN 13751, EN 1788
Laħam u prodotti tal-laħam	2	0	0	EN 13751, EN 1788
Total	**731**	**0**	**40**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**95,00%**	**0 %**	**5,00%**	

3.21. Il-Polonja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 215			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi imnixxfin u ħwawar	88	0	0	EN 13751, EN 1788
Ġewż	20	0	0	EN 1787
Ħxejjex (inkluż il-pulses)	17	0	0	EN 1788
Frott	33	0	0	EN 13708
Ħut u frott tal-baħar	12	0	0	EN 1786
Tjur tal-irziezet	7	0	0	EN 1786
Teijiet	10	0	0	EN 13751, EN 1788
Ġobon immaturat, cottage cheese, ġobon ieħor bil-ħwawar/ħxejjex aromatiċi	7	0	3	EN 1788
Zlazi u sopop ikkonċentrati	18	0	0	EN 1788
Total	**212**	**0**	**3**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**98,60 %**	**00,00 %**	**1,40 %**	

3.22. Il-Portugall

Ma sarux kontrolli fl-istadju tat-tqegħid fis-suq fl-2009.

3.23. Ir-Rumanija

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 74			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar imnixxfin	54	0	0	EN 1787, EN 1788, EN 13751
Supplimenti tal-ikel	5	0	3	EN 1787, EN 1788
Instant noodles	5	0	0	EN 1787
Teijiet	7	0	0	EN 1787, EN 1788, EN 13751
Total	**71**	**0**	**3**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**95,95 %**	**00,00 %**	**4,05 %**	

3.24. L-Isvezja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 6			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Laħam tat-tjur tal-irziezet	6	0	0	EN 1784
Total	**6**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100,00 %**	**00,00 %**	**00,00 %**	

3.25. Ir-Repubblika Slovakka

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 41			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ġewż	24	0	0	EN 1784
Ġobnijiet	10	0	0	EN 1784
Perżut Schwartzwald	1	0	0	EN 1784
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali	3	0	0	EN 1788
Salami tat-tjur imnixxef	1	0	0	EN 1784
Żerriegħet il-peprin	1	0	0	EN 1784
Brodu tat-tiġieġa	1	0	0	EN 1784
Total	**41**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100,00 %**	**00,00 %**	**00,00 %**	

3.26. Is-Slovenja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 60			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħwawar	10	0	0	EN 13751, EN 1788
Supplimenti tal-ikel	3	7	0	EN 13751, EN 1788
Te	10	0	0	EN 13751
Żerriegħa u ross	9	1	0	EN 13751, EN 1788
Laħam tat-tjur tal-irziezet	6	4	0	EN 1786
Ikel ippreparat (sopop u noodles instant)	6	4	0	EN 13751, EN 1788
Total	**44**	**16**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**73,33 %**	**26,66 %**	**00,00 %**	

3.27. Ir-Renju Unit

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 345			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklussivi	Mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali	174	21	3	EN13751, EN 1788
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar friski u ppriservati (għajr dawk imnixxfa)	21	1	0	EN13751, EN 1788
Noodles u ikel Ażjatiku deidratat	16	7	3	EN13751, EN 1788
Ħxejjex	4	1	0	EN13751, EN 1788
Frott (inkluż frott frisk u frott imnixxef)	5	0	0	EN13751, EN 1788
Prodotti tal-għaġin	5	0	0	EN13751, EN 1788
Prodotti tal-ħmira	0	2	1	EN13751, EN 1788
Teijiet	5	0	0	EN13751, EN 1788
Ħut u frott tal-baħar imnixxfa	2	2	0	EN13751, EN 1788
Supplimenti tal-ikel	41	11	1	EN13751, EN 1788
Għasel u prodotti oħrajn tan-naħal	14	0	0	EN13751, EN 1788
Mixxellanji	2	1	0	EN13751, EN 1788
Koxox taż-żrinġijiet	1	0	1	EN 1786
Total	**290**	**46**	**9**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**84,00 %**	**13,00 %**	**3,00 %**	

3.28. Sommarju għall-UE

It-tabella li ġejja tiġbor fil-qosor il-kampjuni analizzati u r-riżultati miksuba għall-UE kollha kemm hi.

STAT MEMBRU	KAMPJUNI KONFORMI	INKONKLUSSIVI	KAMPJUNI MHUX KONFORMI	TOTAL TAL-KAMPJUNI	% MIT-TOTAL TAL-KAMPJUNI TAL-UE
AT	132	0	0	132	**2,11%**
BE	147	0	1	148	**2,36%**
BG	151	0	14	165	**2,63%**
CY	8	0	0	8	**0,13%**
CZ	53	5	7	65	**1,04%**
DE	3136	15	18	3169	**50,58%**
DK	EKA	EKA	EKA	EKA	**EKA**
EE	5	0	0	5	**0,08%**
EL	41	0	0	41	**0,65%**
ES	85	0	1	86	**1,37%**
FI	212	0	12	224	**3,58%**
FR	110	3	6	119	**1,90%**
HU	11	0	0	11	**0,18%**
IE	290	0	4	294	**4,69%**
IT	210	8	5	223	**3,56%**
LV	11	0	4	15	**0,24%**
LT	16	0	0	16	**0,26%**
LU	EKA	EKA	EKA	EKA	**EKA**
MT	32	0	0	32	**0,51%**
NL	731	0	40	771	**12,31%**
PL	212	0	3	215	**3,43%**
PT	EKA	EKA	EKA	EKA	**EKA**
RO	71	0	3	74	**1,18%**
SE	6	0	0	6	**0,10%**
SK	41	0	0	41	**0,65%**
SI	44	16	0	60	**0,96%**
UK	290	46	9	345	**5,51%**
TOTAL UE	**6045**	**93**	**127**	**6265**	**100,00%**
F'%	**96,49%**	**1,48%**	**2,03%**	**100,00%**	

EKA: Ebda kontrolli analitiċi fl-2009.

4. SOMMARJU

Dan ir-rapport ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009. Jinkludi fih ġabra ta' tagħrif mgħoddi lill-Kummissjoni mis-27 Stat Membru.

Fl-2009, 20 faċilità approvata tal-irradjazzjoni kienu operattivi fi 12-il Stat Membru skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 1999/2/KE. Faċilita tal-irradjazzjoni approvata waħda ngħalqet. Ħames faċilitajiet tal-irradjazzjoni ma rradjawx ikel matul l-2009.

Kwantità totali ta' 6.637,17 tunnellati ta' prodotti ġew ittrattati bl-irradjazzjoni jonizzanti fl-Istati Membri, 84,5 % minnhom ġew irradjati fi tliet Stati Membri (il-Belġju, Franza u l-Pajjiżi l-Baxxi). L-erba' l-ikbar frazzjonijiet fil-kategoriji irradjati huma l-partijiet taż-żrinġijiet, il-ħxejjex aromatiċi u l-ħwawar, it-tjur tal-irziezet u l-prodotti deidratati (rispettivament: 42,80%, 23,78%, 18,59%, 10,15%).

Sebgħa u għoxrin Stat Membru bagħtu informazzjoni dwar il-kontrolli li saru fl-istadju tat-tqegħid fis-suq tal-prodott. Tliet Stati Membri ma wettqu l-ebda kontrolli analitiċi fil-kontroll u l-ispezzjoni uffiċjali.

Total ta' 6.265 kampjun ittieħdu minn 24 Stat Membru. Tliet Stati Membri kienu jirrappreżentaw 68,4 % tal-kampjuni (il-Ġermanja 50,58 %, il-Pajjiżi l-Baxxi 12,31%, ir-Renju Unit 5,51 %). 6.045 kampjun (96,49 %) kienu konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva. 127 kampjun (2,03%) ma kinux konformi. Ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità spiss kienu relatati ma' ttikkettjar mhux korrett u irradjazzjoni ta' kategoriji li għalihom din mhix awtorizzata. 93 kampjun (1,48 %) ma wasslux għal riżultati konklussivi. Ir-raġunijiet għar-riżultati inkonklussivi huma marbuta l-aktar ma' nuqqas ta' konferma wara riżultati pożittivi minn testijiet ta' skrinjar u/jew mad-diffikultà fid-determinazzjoni ta' liema ingredjenti ġew irradjati, anke jekk ikollhom it-tikketta, fil-prodotti tal-ikel komposti.